# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 1 ta’ Frar, 2002.**

**Appell Nru 177/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Vella talli (**1**) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fit-18 ta’ April 2000, ghall-habta tas-6.00pm fil-hanut Elizir, Triq in-Nutar Manuel Debono, Naxxar, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ *cash register* fikali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta’ l-Erbatax-il skeda li tinsab ma’ l-att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallsa ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998; (**2**) talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuni ohra li kienu qed jagixxu ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla provvduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha imhallsa ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51, 77(a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998; u aktar (**3**) talli fl-istess zmien u fl-istess post naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li zzomm kopji tal-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1(g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma’ l-istess Att u l-Artikoli 76(b) u 82(2) ta’ l-Att Nru.XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Ottubru, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Mary Vella mhux hatja skond it-tieni imputazzjoni u minnha lliberatha, izda sabitha hatja skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tielet imputazzjoni, u

kkundannatha multa ta' Lm200 fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u multa ta' Lm150 fir-rigward tat-tieni akkuza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mary Vella, minnha ppresentat fil-11 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

Ghandu jigi precizat, qabel xejn, li ghalkemm din il-Qorti kienet akkordat il-fakolta` lill-prosekuzzjoni li tippresenta nota ta' sottomissjonijiet entro l-11 ta' Jannar, 2002 (bil-fakolta` lill-appellanti ghal nota responsiva), tali nota ta' sottomissjonijiet baqghet ma gietx presentata mill-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, waslet ghall-konkluzzjoni li din it-tieni imputazzjoni kienet <u>alternattiva</u> ghall-ewwel wahda, u ghaddiet biex <u>tillibera</u> lill-appellanti (allura imputata) minn din it-tieni imputazzjoni. Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe` li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim' istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha <u>mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha</u>, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar*** App. Krim. 18/9/1996, ***Il-Pulizija v. Carmel Debono*** App. Krim. 1/11/1996, u ***Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva*** App. Krim. 20/11/2000.

Il-fatti ta' din il-kawza, huma, brevement is-segwenti: fil-gurnata u l-hin indikati fl-imputazzjonijiet, zewg spetturi tal-VAT dahlu fil-hanut (li huwa, jew huwa wkoll, "beautician's salon") u hemm raw zewg transazzjonijiet ta' flus isiru minghajr ma inharget ricevuta fiskali. L-ewwel mara tat hames liri lit-tfajla (impjegata ta' l-appellanti) li kienet mal-*cash register*, u din tatha zewg liri bqija minghajr ma tatha ricevuta. Mara ohra dak il-hin stess tat ghaxar liri lit-tfajla u din tatha zewg liri bqija ukoll minghajr ma tatha ricevuta. Il-*cash register* li kien qed jigu wzat ma kienx wiehed fiskali u kien jintuza mill-appellanti pjuttost bhala *calculator* u biex izzomm fih il-flus u tkun tista' minnu taghti l-bqija. L-appellanti kellha, pero`, zewg kotba ta' ricevuti fiskali, u kienet tuza wiehed minnhom meta tbiegh xi prodotti u l-iehor meta tipprovdi xi servizz (ara d-deposizzjoni tal-ispettur Alison Bezzina).

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu, bazikament, fis-sens li hi ma kellhiex tinstab hatija skond l-ewwel imputazzjoni – cioe` li naqset milli "taghti jew tipproduci ricevuta fiskali <u>permezz ta' *cash register* fiskali</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti) peress li hi ma kienitx obbligata bil-ligi biex izzomm jew ikollha <u>*cash register* fiskali</u>; hi tikkontendi li kien bizzejjed li

hija tohrog ricevuti, kif hija tallega li kienet taghmel, permezz tal-ktieb tar-ricevuti, jigifieri li tohrog ricevuti b'mod manwali.

Fit-18 ta' April tas-sena 2000[1], il-partita 3(1) ta' l-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) kienet taqra hekk:

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-partiti 4, 5 u 6 ta' din l-Iskeda, ricevuta fiskali li tinhareg minn persuna li tbiegh bl-imnut jew li n-negozju taghha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmi fil-partita 2 tat-Taqsima Tlieta tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att ghandha tinhareg permezz ta'* cash register *fiskali: izda ghar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi zmien li matulu ma tkunx tista', ghal raguni valida, tohrog ricevuta fiskali permezz ta'* cash register *fiskali, hija ghandha tohrog ricevuta fiskali f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju."* (sottolinear tal-Qorti).

Il-partiti 4, 5 u 6 kienu jirreferu ghall-bejgh li jsir bieb bieb ta' gass, halib jew hobz, ghal provvisti minn pompi tal-petrol, u ghall-provvista ta' ikel u xorb minn *canteens* ecc. – kazijiet li ma japplikawx ghall-kaz *de quo*. Il-ligi ghalhekk kienet (u ghadha) li, salv ghal ezenzjonijiet specifici li jistghu jsiru mill-Kummissarju[2], persuna li tbiegh bl-imnut ("retailer" fit-test Ingliz) ghandha tohrog ricevuta permezz ta' *cash register* fiskali u mhux bil-mezz manwali permezz tal-ktieb tar-ricevuti provvdut mill-Kummissarju. Dana l-ktieb tar-ricevuti jista' jintuza biss ghal dak iz-zmien li matulu il-persuna registrata ma tkunx tista', ghal raguni valida, tohrog ricevuta permezz tal-*cash register* fiskali; u s-subparagrafu (3) tal-partita 3 jghid car u tond li m'ghandhiex titqies bhala raguni valida il-fatt li wiehed ma jkollux *cash register* fiskali. L-appellanti, *ex admissis*, ma kellhiex *cash register* fiskali, u ghalhekk il-kwistjoni verament hi jekk hi ghandhiex titqies li ma kienitx "retailer", izda persuna li tipprovdi biss servizz (ta' "beautician"). Il-kelma "mnut" fl-espressjoni "bejjiegh bl-imnut" gejja mill-kelma Taljana "al minuto"[3] li tfisser fi kwantitajiet zghar jew individwalment. Issa, fil-kaz in dizamina, jirrizulta li l-appellanti kienet tbiegh, mis-"salon" in kwistjoni, anke prodotti li ghandhom x'jaqsmu mas-sbuhija, tant li kienet izzomm ktieb tal-ircevuti ghal dawk li huma biss servizzi u ktieb iehor ghall-prodotti. Iz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni jikkonfermaw li fl-istabbiliment kien hemm hafna prodotti ghall-bejgh. Galadarba hija kienet tbiegh, evidentement bl-imnut, lill-klienti dawn il-prodotti hija kienet "persuna li tbiegh bl-imnut" ghall-finijiet tal-partita 3 ta' l-Erbatax-il Skeda, u ghalhekk l-ircevuti li kellha tohrog kemm ghal dawk li huma prodotti kif ukoll ghal dawk li huma servizzi ta' "beautician" kellha tohroghom permezz ta' *cash register* fiskali u mhux mod iehor. Konsegwentement dana l-ewwel aggravju ta' l-appellanti qed jigi respint. Konsegwentement ukoll, it-tieni aggravju ta' l-appellanti – u cioe` li fi kwalunkwe kaz l-ircevuti liz-zewg nisa, li l-ispetturi kienu raw jaghtu l-flus lit-tfalja, kienu inghatawlhom precedentement, cioe` qabel ma sar il-hlas – ghandu jigi respint peress li dawna l-ircevuti ma inhargux fil-forma li trid

---

[1] Cioe` qabel l-emenda f'dina l-Iskeda introdotta bl-A.L. 94/2001, liema emenda, fi kwalunkwe kaz, ma teffetewa b'ebda mod dak li ser jinghad aktar 'l quddiem.

[2] Taht il-partita 11, ga partita 10, ta' l-imsemmija Skeda.

[3] Aquilina, J. **Maltese-English Dictionary**, Vol. II, Midsea Books Ltd., (Malta), 1990, v. *mnut.*

il-ligi, u cioe` permezz ta' *cash register* fiskali. Dana t-tieni aggravju jista' biss, se mai, ikollu relevanza ghall-finijiet ta' piena.

It-tielet aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda s-sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni. L-appellanti tghid li hija dejjem zammet il-kopji tal-ircevuti minnha mahruga. Issa, apparti li l-appellanti la quddiem l-ewwel qorti u lanqas quddiem din il-Qorti ma pproduciet il-kopji tal-ircevuti relattivi ghaz-zewg pagamenti li kienu raw l-ispetturi, il-partita 1(g) tat-Tnax-il Skada tipprovdi li *"kull persuna registrata ghandha zzomm…kopji tal-ircevuti fiskali kollha mahruga skond l-Erbatax-il Skeda…"*. Skond l-Erbatax-il Skeda l-appellanti kellha zzomm kopji tal-ircevuti mahruga bil-*cash register* fiskali (effettivament "ir-registrazzjoni ta' kull transazzjoni odjerna fuq gurnal stampat" skond il-partita 13(2)(b) tat-Tnax-il Skeda), u mhux semplicement il-kopji ta' ricevuti mahruga manwalment. Ghalhekk l-ewwel qorti korrettement sabet lill-appellanti hatja skond it-tielet imputazzjoni.

Fl-ahhar nett l-appellanti tilmenta dwar il-piena, li hija tqis li kienet eccssiva. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ma ghandha tvarja xejn ghal dik li hi l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) Aldo Testone
D/Registratur